



Brussell, 14 ta' Frar 2025
(OR. en)

5616/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0320(NLE)

ENFOPOL 26
CRIMORG 8
CT 5
IXIM 15
COLAC 8
CORDROGUE 5
JAI 84

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil
dwar kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)
u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 88 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi li huwa possibbli li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) tittrasferixxi data personali lil awtorità ta' pajjiż terz abbażi, fost l-oħrajn, ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.
- (2) Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil għal ftehim dwar l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u l-awtoritajiet kompetenti tal-Brażil fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.
- (3) In-negozjati għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom (il-“Ftehim”) ġew konklużi b'suċċess, u t-test tal-Ftehim ġie inizjalat fit-18 ta' Ottubru 2024.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj>).

- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi relazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti tal-Brażil, u jippermetti t-trasferiment ta' data personali u mhux personali bejniethom, bl-għan li jiġu miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu u Li tiġi protetta s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.
- (5) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”), inkluż id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' data personali trasferita mill-Europol skont il-Ftehim.
- (6) Il-Ftehim ma jaffettwax u huwa mingħajr preġudizzju għat-trasferiment ta' data personali jew forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.
- (7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(9) Il-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-Opinjoni tiegħu 2/2025 fl-10 ta' Frar 2025.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Pulizija Federali tal-Brażil u permezz tagħhom huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim²⁺.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

² It-test tal-Ftehim ser jiġi ppublikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 5617/2025.